VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

It-Tnejn 14 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fis-Sala Tal-Kunsill fis-14.00hrs.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 119A (19):

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

19.1.1 Nil

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-Kunsill Approva il-Minuti tal-Laqgħa 19 li saret nhar It-Tnejn 18 ta' Awwissu 2020

Is-Seduta tal-Kunsill ġiet sospiża biex s-Surgent Daniel Garzia mil-Community Policing jagħti nformazzjoni dwar ix-xogħol li qed iwettqu fil-Belt.
Sgnt Garzia nforma dwar il-feedback pożittiv li qed ikollhom mir-residenti. Nforma li qed jagħmlu patrol regolari w jisimgħu l-ilmenti ta' nies. Staqsa dwar il-permessi li nħarġu mingħajr uffiċjali w nforma biex l-istaff tal-Kunsill jibda jitlob riċevuta tal-extra police jew enforcement officer bħala prova.
Sgnt Garzia staqsa dwar il-parkeġġi tal-Ministri minħabba li residenti jilmentaw ħafna dwar dawn u anke vetturi bil-GVN.
Sgnt Garzia nforma li għandhom isiru laqgħat ta'informazzjoni fejn l-MTA tkun preżenti.
Sgnt Garzia talab li jkollu l-informazzjoni ta' dekasteri tal-Kunsillieri kollha.
Sgnt Garzia staqsa dwar il-permessi temporaranji, u kif qed jagħtu verbali warning qabel ma jagħtu ċitazzjonijiet.
Sgnt Garzia nforma li niżla tal-fossa min Triq l-ifran għandha ssir one way u l-inzul tagħha għandha ssir min Triq San Mark.
Sgnt Garzia rringrazzja lil Kunsill li ġew offruti l-Uffiċċini tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jiltqgħu man-nies.
Sgnt Garzia nforma li jixtieq li jkun parteċipi fil-laqgħa tar-residenti.
Sgnt Garzia nforma li residenta li kienet ser tispiċċa bla saqaf għaliex ma ġġediliex il-kuntratt tar-renta, sabulha residenza alternattiva f'dar ta' l-anzjani w żammew kuntatt magħha.
Sgnt Garzia nforma li l-foss ta' Triq ir-Republika qed jispiċċa sit biex nies jarmu skart goff.
Sgnt Garzia nforma li l-Parkeġġ ta' taħt Triq il-Batterija kien qed jiġi abbużat allura qed isiru rondi frekwenti.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara li l-Kunsill ingħata sample tal-maduma li ser tintuża għal-bankina ta' l-iskola saret it-talba biex din il-materjal jiġi ordnat. Il-Perit ħareġ stima ta' bejn wieħed u ieħor 40,000 euro u dan ser jintgħalbu bħala għajnuna m'għand ir-restoration unit il-Perit Norbert Gatt. IL-Kunsill qabel dwar dan.

19.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma waqt diskussjoni mal-Community Police li saret proposta biex il-parkeġġi Blue isiru jew bojod jew inkella ħodor.

19.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit irringrazzja lill-Pulizija tal-Community Policing tax-xogħol siewi li qed isir mar-residenti. Nforma li tajjeb li darba fix-xahar waqt il-laqgħa tal-Kunsill jkun hemm rappreżentant biex ikun jista tagħti rendikont ta' dak li jkun qed isir. L-Kunsill qabel dwar dan.

19.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara laqgħa li kelli ma’ l-AC Mallia dan talab biex il-Pulizija jkollhom parkeġġ viċin l-uffiċċini ta’ AG fi Triq Nofs in-nhar. Il-kunsill qabel li jingħataw il-parkeġġ ta’ Triq Mikiel Anton Vassalli.

19.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li wara li kellu diskussjoni ma’ Infrastructure Malta u l-Ministeru biex l-aħħar 6 parkeġġi ta’ Triq il-Lvant jerggħu isiru bojod minħabba l-kummerċ li hemm fiż-żona.

19.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li rċieva kommunikat dwar in-nuqqas ta’ koperazzjoni mir-residenti waqt il-Film. Dawn kienu diżappuntati u xtaqu li għal darb’oħra l-Kunsill jassigura li jkun hemm koperazzjoni. Is-Sindku nforma li talab ,15,000euro addizzjoniali imma l-budget tal-Film ma ppermettiex.

19.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li kien qed jippreżenta l-invit uffiċjali ta’ Amerina w stieden lil Kunsillieri Jurgen Briffa jippreżenta rapport ta’ żjara li nqara mis-Segretarju Ezekuttiv.

19.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li ntbgħatu ittri lil diversi Bliet biex jipparteċipaw fi proġett ta’ skambju kulturali li jinvolvi l-Mużika. Dan wara li fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill ġie nfurmat li ser jerġgħu jżuru l-Kunsill l-grupp tal-Vjolini.

19.3.9 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li mhu ser jippermetti lil ħadd jgħolli leħnu fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li huwa fl-ebda ħin ma’ għolla leħnu. Jekk is-Sindku ħaseb dan huwa jitlob apoloġija. L-Argument kien minħabba l-fatt li ma ingħatax l-informazzjoni bid-dettalji.

19.4.2 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li dwar il-filming li sar ħafna tgergir miż-żona ta’ Ġnien is-Sultan minħabba l-fatt li ma ngħatawx kumpens li kellhom l-inġenji wara l-bieb ta’ djarhom.

19.4.3 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li wara li fil-laqgħa preċendenti ppreżenta talba għal għotja ta’ ċertifikat tal-konkors tal-Vjolini, qed jilaqgħa deċiżjoni tals-Sindku li bgħadt lis-Sindku tal-Bliet li pparteċipaw biex ikun hemm kontinwita u jsir anke kunċert għal Jumm il-Lokalita’. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

19.4.4 Il-Minority leader Christian Micallef nforma dwar l-posts ta’ facebook dwar il-film. Iċ-ċara dak li nkiteb u saret diskussjoni dwar kif kellhom isiru l-arrangamenti fl-interess tar-residenti.

19.4.5 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma li fuq il-Blata qed isir scaffolding fejn residenti qed iħossuhom li mhux ser ikunu siguri fil-propjeta’ tagħhom għalhekk talab biex min qed jagħmel dan ix-xogħol jipprovdi sigurtà lir-residenti taż-żona.

19.4.6 Il Kunsillier Jurgen Briffa talab biex quddiem it-Teatru Manoel il-Kunsill jagħti no objection tieghu biex isur bollards mal-kolonni dan biex ma jsirulhomx ħsara. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 19.5 Rapporti

19.5.1 NIL

## 19.6 *Items* oħra ta’Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

19.6.1 Korrispondenza m'għand il-Kappillan ta' San Duminku dwar il-Konferenza li ser issir nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru li tirrelata mal-festi ta' Ċentinarji.

## 19.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 19.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ta' Settembru 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Ħamis 1 ta' Ottubru 2020 fil-17.00hrs

IFFIRMATA



Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA



Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv